**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 11 TA' AWISSU 2020**

# DIGRIET KAMERALI

**Rikors Revoka 356/2020 RGM**

**Fl-atti tar-Rikors Guramentat Numru 201/2020 RGM fl-ismijiet:**

**Futura Funds SICAV p.l.c.**

**Futura Investments Management Limited**

**Cougar Real Estate S.A.**

**vs.**

**Istituto per le Opere di Religione**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-bank Istituto per le Opere di Religione pprezentat fis-27 ta' Mejju 2020 li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm moghtija talbet lill-Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 836(1) (d) u/jew (f) tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju datat 13 ta' Marzu 2020 li kien sar fuq talba ta' Futura Funds SICAV plc, liema mandat ta' sekwestru gie akkordat. Qieghed jintalab ukoll li jekk "fl-alternattiv tordna li fi zmien ragjonevoli li dina l-Qorti tista tistabbilixxi u sakemm il-Mandat hawn fuq citat jibqa fis-sehh kollu jew in parte, Futura Funds SICAV plc garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali li tista' tigi imposta u ta' danni u imghax u fin-nuqqas tnehhi l-istess mandat ta' sekwestru"[1].

Rat ir-risposta ta' Futura Funds SICAV p.l.c, Futura Investment Management Limited u Cougar Real Estate S.A. ipprezentata fit-23 ta' Gunju 2020 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm moghtija qeghdin jopponu ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Ikkunsidrat

**Fatti antecedenti r-rikors ghall-Mandat ta' Inibizzjoni**

Fil-25 ta' Novembru 2019, l-bank Istituto per le Opere di Religione ('IOR') bis-sahha ta' Mandat ta' Inibizzjoni (fejn it-talba teccedi €11,646.86) talbet li

1. "Tinibixxi lill-intimata Futura Funds SICAV p.l.c. u Futura Investment Management Limited ("Futura Management") milli b'xi mod dirett jew indirett u bi kwalsiasi mod jitrasferixxu jew jiddisponu favur terzi l-ishma intestati f'isem Futura Funds SICAV p.l.c. fil-kumpanija Cougar Real

[1] Pagna 14 tal-process.

Estate S.A. kif ukoll milli jneħħu lil Andrea Suriano mill-kariga tiegħu ta' direttur tal-istess Cougar Real Estate S.A. u

2. Tinibixxi lill-intimata Cougar Real Estate S.A. milli b'xi mod tiddisponi minn u tassenja lil terzi taħt kwalunkwe titolu l-ishma kollha appartenenti lilha fil-kumpannija mwaqqfa l-Ungerija bl-isem Tzsdepalota Ingatlanforgalmazo es Fejleszto Korlatolt Felelossegu Tarsasag."[2]

B'dak il-mandat ukoll IOR ikkawtelat il-kreditu ghas-somma ta' ghoxrin miljun ewro (€20,000,000) u dan l-ammont huwa "ta' danni li qed jigu likwidati ghall-finijiet ta' dan il-mandat u rapprezentanti telf kawzat u soffert u/jew li ghad jistghu isofru lir-rikorrenti kawza tal-inadempjenza u ksur tal-obbligi fiduzjarji taghhom fil-konfront tar-rikorrent Istituto per le Opere di Religione u kawza tal-mala fede fl-agir taghhom".

B'digriet tad-19 ta' Dicembru 2019 din il-Qorti diversament preseduta, wara li ghamlet il-kunsiderazzjonijiet taghha, kkonkludiet li "mad-daqqa t'għajn il-Qorti ma tistax ma tqiesx li hemm obbligazzjonijiet fiduċjarji naxxenti bejn il-partijiet li kellhom u għandhom jiġu rispettati, u għalhekk ukoll kawtelati. Mad-daqqa t'għajn jidher li bank daħħal ċertu investimenti għal akkwist ta' proprjeta' li llum bl-inklussjoni ta' investituri oħra li jidher li fuqhom hu m'għandux kontroll u f'ċertu każi konoxxenza diretta, jaf li se jkun preġudikat b'mod konsiderevoli. Il-IOR jinvoka a favur tiegħu l-artikolu 1124A tal-Kap 16, jistrieħ fuq l-istess obbligazzjonijiet naxxenti minnu, tqies li prima facie dan il-jedd huwa bazi ta' l-azzjoni tal-IOR. Konsegwentement tqies li hu għandu dritt x'jikkawtela u għalhekk tilqa t-talba kif dedotta".[3]

Fit-2 ta' Jannar 2020 Futura Funds SICAV p.l.c., Futura Investment Management Limited u Cougar Real Estate S.A. ('ir-rikorrenti') talbu lil din il-Qorti kif preseduta tirrevoka l-imsemmi mandat ai termini tal-Artikolu 836(1)(c) u (e) tal-Kapitolu 12 u dan stante li hemm garanzija ghall-ammont

[2] Mandat t'Inibizzjoni (Rik. Nru 1628/2019 MH) fl-ismijiet **Istituto per le Opere di Religione vs. Futura Funds SICAV plc et.**
[3] Pagna 35 tal-process.

ta' ghoxrin miljun mis-socjetà Indotek Group.[4] Din il-garanzija inghatat specifikament minn Dalvik bis-sahha ta' ittra datata 30 ta' Diċembru 2019 fejn ingħad li "*Dalvik undertakes the obligation to cause the Buyers – upon the transfer of the shares of Cougar [...] after proper withdrawal or alteration of the Warrant of Prohibitory Injunction – to transfer an amount up to €20,000,000 out of the SPA Escrow Account in a new escrow accounts to be opened in Malta under rules to be set by the Civil Court of Malta on request of the Seller in order to secure the claim of the IOR.*" Di più, ir-rikorrenti kienu talbu li jekk ir-revoka tal-mandat ma tintlaqax, il-Qorti ghandha tghaddi sabiex tordna lil IOR tipprovdi garanzija xierqa ghal hlas ta' spejjez, penali, danni u imghaxijiet ai termini tal-Artikolu 838A.

B'digriet tas-27 ta' Jannar 2020, it-talba ghar-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoni giet michuda u dan a bazi tas-segwenti konsiderazzjoni:

> "Fil-fehma tal-Qorti il-garanzija offerta ma tissodisfax dak provdut fil-liġi nostrana tenut kont illi l-flus li qed jiġi propost li jkunu depożitati f'*escrow account* jistgħu finalment jispiċċaw f'idejn ħaddieħor li wkoll ikollu pretensjonijiet fuq tali ammont depożitat. Kif ġie ritenut "*Huwa wkoll mistenni li l-garanzija offerta tkun magħmula minn "assi żguri" li ma jistgħux ikunu kapriċċożament jew arbitrarjament manipulati mill-parti eżekutata jew minn terzi bi ħsara tal-parti eżekutanti.* ***Il-ġid garantit irid ukoll ikun tali li, f'każ li l-eżekutant ikollu jdur għalih biex jesegwixxi l-pretensjoni tiegħu, dak il-ġid ikun disponibbli u rejalizzabbli.*" [Desmond Stanley Stewart vs. Theresa Mangion Galea** (Rik Nru 493/2017 JRM) degretat fis-26 ta' Ġunju 2017.]
>
> "Inoltre jirriżulta mill-ittra ppreżentata mar-rikors revoka (ittra imsemmija aktar 'il fuq) li l-garanzija tista' tingħata biss wara li jsir it-trasferiment tal-ishma de quo b'dan illi jiġi krejat *escrow account* u l-flus jiġu d-depożitati fih – "*Dalvik undertakes the obligation to cause the Buyers –* ***upon the transfer of the shares*** *of Cougar [...] after proper withdrawal or*

[4] Rikors Revoka 1/2020 RGM.

*alteration of the Warrant of Prohibitory Injunction – to transfer an amount up to €20,000,000 out of the SPA Escrow Account in a new escrow accounts to be opened in Malta under rules to be set by the Civil Court of Malta on request of the Seller in order to secure the claim of the IOR*". Minn dan il-kliem jirrżulta li fil-verità l-garanzija tista' tingħata biss wara li jsir it-trasferiment tal-ishma kolpiti bil-mandat de quo.

"Di più il-garanzija għandha tkun disponibbli – din il-ħtieġa hija l-aktar ċara fit-text Ingliż tal-liġi meta jingħad "*that other adequate security* ***is available*** *to satisfy the claim [...]*". Dak li qed joffru r-rikorrenti la huwa garanzija bankarja u lanqas ittra ta' kreditu u għalhekk l-*escrow account* propost ma hux protett bl-**Artikolu 381 (1) (h) tal-Kap 12** li jipprovdi illi "Ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru ..............(h) fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu".

"Il-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretenzjonijiet tal-eżekutant jaqa' kompletament f'idejn l-eżekutanti. [Ara **Dr. Tonio Fenech noe vs. Dr. Patrick Spiteri pro et noe et** (Ċit Nru 746/2001 GC) deċiż fit-3 t'Awwissu 2001.] Wara kollox kif ingħad fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet **Ranger Company Ltd vs. Euro Imports Ltd** [Ċit Nru 1366/2002 TM deċiż fl-20 ta' Frar 2003.] "*tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant"*. B'applikazzjoni ta' dan l-insenjament għal każ odjern, l-eżekutati naqsu milli jipprovdu garanzija idonea ai termini tal-Artikolu 836 (1) (ċ) u (e).

"Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq dawn il-kawżali ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat kawtelatorju de quo."[5]

Il-Qorti ghaddiet ukoll, wara l-konsiderazzjonijiet hemm maghmula, sabiex cahdet it-talba ghall-ordni ta' garanzija ai termini tal-Artikolu 838A. In segwietu ghal din ir-revoka, fit-3 ta' Marzu 2020 giet intavolata kawza fl-ismijiet premessi fejn intalab jigi ddikjarat li "l-agir tal-IOR [...] inkluz l-

[5] Pagni 52 – 53 tal-process.

imblukkar tal-bejgh tal-ishma ta' Cougar lil Indotek ikkawza u qed ikompli jikkawza danni sinifikanti lir-rikorrenti" u ghalhekk il-Qorti ghandha tiddikjara li IOR hija responsabbli sabiex tikkompensa lir-rikorrenti id-danni sofferti u tghaddi sabiex tillikwida d-danni.[6]

Fit-13 ta' Marzu 2020 l-intimati ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru[7] kawtelatorju sabiex jikkawtelaw "talba ghal danni [fl-ammont ta' disgha u ghoxrin miljun u hames mitt elf ewro (€29,500,000) sofferti mir-rikorrenti Futura SICAV p.l.c. bhala rizultat ta' l-agir tal-intimat IOR, inkluz l-imblukkar tal-bejgh tal-ishma li r-rikorrenti ghandha fil-kumpanija registrata l-Lussemburgu Cougar Real Estate S.A. kif ukoll l-ishma illi din tal-ahhar ghandha fil-kumpannija Ungeriza Tozdepalota Ingatlanforgalmazo es Fejleszto Korlatolt Felelossegu Tarsasag. Din il-pretensjoni giet dedotta u hija spjegata f'izjed dettall fir-rikors mahluf fl-ismijiet Futura Funds SICAV p.l.c. et v Istituto per le Opere di Religione (201/2020 RM)ipprezentat nhar it-3 ta' Marzu, 2020"[8].

Dan il-Mandat ta' Sekwestru, wassal lill-IOR sabiex fis-27 ta' Mejju 2020 tintavola r-rikors in ezami.

Ikkunsidrat;

L-IOR tilmenta li m'hemm "l-ebda gustifikazzjoni kif Futura f'dan l-istadju tista' tipprospetta xi danni jew telf attwali u/jew potenzjali bhala rizultat tal-fatt illi l-bejgh tal-ishma u favur ta' Indotek gie frustat bhala rizultat tal-hrug tal-mandat ta inibizzjoni mill-Qorti"[9], u dan meta wiehed iqis li l-ishma li Futura ghandha f'Cougar huma ekwivalenti ghal erbghin punt disgha miljuni ewro (€40.9 miljun). B'dan ifisser, skont l-IOR li l-ammont ta' danni mitlub mir-rikorrenti huwa eccessiv "wara li jittiehdu in konsiderazzjoni il-prezz sabiex jigu akkwistati l-istess ishma fl-ewwel lok jew telf ta' qliegh jew imghax tenut kont ir-rati ta' imghax fis-swieq volatili tal-mument fit-tieni

[6] Futura Funds SICAV plc et vs. Istituto per le Opere di Religione (Rik Gur Nru 201/2020 RGM).
[7] Mandat ta' Sekwestru (Rik Nru 400/2020).
[8] Pagna 27 tal-process.
[9] Pagna 10 tal-process.

lok"[10]. L-IOR tinsisti wkoll li wiehed ghandu jqis li bis-sahha tal-Mandat t'Inibizzjoni l-ishma ghadhom jappartjenu lill-istess Futura, kif ukoll id-disghin fil-mija (90%) ishma li Cougar ghandha f'TIKFKT (propjetarja tal-iStock Exchange Palace gewwa Budapest). Skond IOR hemm il-possibilità li l-valur tal-ishma joghla. IOR tghid li bis-sahha tal-Mandat t'Inibizzjoni, uhud mir-rikorrenti (specifikament Futura u Futura Management) sejhu laqgha generali straordinarja li fiha ippropronew lill-investituri offerta ghall-prezz akbar minn dak offrut minn Indotek. Skond IOR dan ifisser li ma gew sofferti l-ebda danni minhabba l-Mandat t'Inibizzjoni.

L-IOR targumenta li kemm il-profitt generat bis-sahha tal-investiment kif ukoll it-telf li jista' jigi kkawzat isofruh l-investituri u jigi rifless fil-valur tal-investiment. B'dan ifisser li Futura per se la taghmel qligh u lanqas telf. In oltre l-investiment taht Kappa A sub fund huwa ta' sittax-il miljun Ewro (€16 miljun). L-allegat danni ta' €29.5 miljun huma kwazi ekwilvalenti ghall-investiment totali ta' €16 miljun taht Kappa A sub fund u sbatax-il miljun ewro (€17 miljun) taht Kappa B sub fund, fejn l-unika investitur hija IOR, u kwazi d-doppju tal-investiment li sar fil-Kappa A sub fund. Dan kollu juri li prima facie t-talba ghal danni m'hijiex ġustifikata u hija semai wahda eccessiva.

Fir-rigward li l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju m'ghadx hemm il-htiega tieghu, IOR tissottometti li hija organizzazzjoni solventi b'assi sostanzjali u dan ghaliex "huwa bank sofistikat stabbiliti gewwa l-Istat tal-Vatikan li jopera billi joffri servizzi finanzjarji madwar id-dinja b'bejn wiehed u iehor 15,000 klijent u Eur 6 biljun f'assi *under management u custody accounts*"[11]. Targumenta wkoll li apparti konsiderazzjoni finanzjarja, hemm ukoll "mandat ta' inibizzjoni li hareg mill-Qorti wara skambju dettaljat ta' atti gudizzjari u trattazzjoni orali fit-tul u li certament wassal lill-istess Qorti li tkun sodisfatta illi kien jezisti jedd prima facie ta' IOR li kellu bilfors jigi kawtelat bl-imsemmi mandat. Fuq kollox anke bid-digriet ta' din l-Qorti tas-27 ta' Jannar 2020, il-Qorti ma kenitx sodisfatta bil-garanzija proposta minn Futura u

[10] *ibid.*
[11] Pagna 12 tal-process.

cahdet it-talba taghha sabiex tirrevoka l-istess mandat ta' inibizzjoni a tenur tal-artikolu 836 tal-Kap. 12." Maghdud ma' dan kollu, IOR tispjega li fit-3 ta' Marzu 2020, proprju dak inhar li l-intimati intavolaw il-kawza Futura Investment Management irceviet offerta minghand Treville A.S. ta' sitta u hamsin punt sebgha miljun ewro (€56.7 miljun) li tkopri l-akkwist dirett tal-ishma ta' Kappa Fund, appartenenti ghal €16 miljun f'Kappa A sub fund, €17 miljun f'Kappa B sub fund u €22.5 miljun sabiex jaghmel tajjeb ghall-allegat passiv ta' Kappa u / jew ta' Cougar. IOR spjegat li minhabba li kien hemm nuqqas ta' informazzjoni dwar l-allegat passiv ta' €22.5 miljun li kellu jigi mwarrab mill-offerta waslitha sabiex "tabilfors topponi ghall-offerta"[12].

Finalment IOR tissottometti li jekk it-talba ghar-revoka ma tintlaqax, il-Qorti ghandha tordna lis-sekwestranti sabiex jaghtu garanzija a termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12.

Ikkunsidrat;

L-intimati jaghmlu referenza ghall-offerta li saret minn Treville, l-aktar offerta gholja li qatt ircevew, u jispjegaw li b'dik l-offerta IOR kienet sejra tiehu lura l-investiment originali taghha minghajr ebda telf u cioe is-somma ta' €17 miljun, filwaqt li huma "jkollhom jaghmlu tajjeb ghal nuqqas (ta' madwar 600,000 ewro) sabiex ihallsu d-djun rimanenti ta' Kappa u Cougar. Jispjegaw li din l-offerta kienet fil-fatt soggetta ghall-kundizzjoni li Futura Management kienet ser tintrabat li tkopri l-obbligazzjonijiet ezistenti bejn Kappa u Cougar: *"(i) the Purchaser and your company reach an agreement to cover Kappa's and Cougar's existing liabilities to the extent that they are not covered by the funding to be provided under point iii of Structure above [i.e. providing funding to Kappa and / or Cougar for an amount equal to the remaining part of the Consideration (ca. €22.5 million) in order to repay all existing liabilities together with interests accrued (if any)]"*. Ir-rikorrenti jghidu li din ma kinitx l-unika kundizzjoni izda kien hemm zewg kundizzjonijiet ohra u cioe *"(ii) your conveyance of a General Meeting of*

[12] Pagna 13 tal-process.

*Kappa Class A and Kappa Class B shareholders where all shareholders of any classes accept to sell their entire shareholdings to the Purchaser as per Offer; (iii) IOR's withdrawing and waiving any Litigation (including any existing interim measure) and refrain from starting any lawsuits against Futura, Cougar and your Company*".[13] Però IOR irrifjutat li taccetta dan it-trasferiment. L-intimati jispjegaw li "n-*Net Asset Value* tal-Class B shares ta' IOR huwa hafna inqas mill-investiment originali taghhom ta' 17-il miljun minhabba t-telf li akkumula matul is-snin (ghaliex il-Proprjeta' [Stock Exchange Palace] ma gietx zviluppata minhabba l-fatt li IOR kienet inadempjenti fil-*capital commitments* taghha)"[14] B'dan illi in-*Net Asset Value* tal-ishma taht il-Kappa B fl-ahhar ta' Dicembru 2018 kien ta ftit izjed minn sitt miljun ewro (€6 miljun). Ir-rikorrenti jargumentaw li bir-rifjut tal-bejgh tal-ishma lil Treville juri bic-car li l-iskop m'huwiex li jigi minimizzat id-dannu izda li johloq kull tip ta' problema sabiex tigi kkonfermata agenda ulterjuri u cioe li titfa f'dell ikrah il-*management* precedenti tal-IOR. Apparti dan kollu, ir-rikorrenti jirrimarkaw li d-dannu m'huwiex qieghed isoffrih il-partijiet f'dan ir-rikors biss izda wkoll l-investituri li jzommu Kappa A sub-fund.

L-intimati irrispondew kronologikament ghall-ilmenti ta' IOR.

Dwar li "id-danni allegati huma neqsin minn kull gustifikazzjoni bhal nuqqas ta' profitt jew opportunitajiet ghal investiment (paragrafu 15)" l-intimati jissottomettu li wiehed ghandu jqis li l-valur ta' asset jiddependi fuq il-possibilità li dan jinbiegh, u ghalhekk t-telf ta' opportunità li tinnegozja taffettwa direttament il-valur li jista' jinkiseb. Jissottometu li galadarba l-ishma f'dan l-istadju ma jistghux jinbieghu sakemm tigi deciza il-kawza principali, il-valur tal-ishma jingieb fix-xejn. Però tispjega li l-valur ta' €29.5 miljun huwa bbazat fuq bosta loans u bonds li Cougar taf lil Kappa Fund. Minhabba l-attegjament ta' IOR li timblokka l-bejgh ta' Indotek wassal sabiex il-hlas lura tad-djun ser jigi stultifikat stante li Cougar mhux ser tkun tista' tbiegh l-unika ass taghha ghal zmien twil.

[13] Pagna 30 tal-process.
[14] Pagna 78 tal-process.

It-tieni kappa hija d-danni pretizi huma eccessivi tenut kont illi l-valur tal-ishma li kienu u ghadhom jappartjenu lil Futura u liema valur tal-ishma ghandu necessarjament jirrifletti l-valur tal-proprjeta' gewwa Budapest u s-sehem ta' 90% tal-ishma li Gougar Real Estate S.A. ghandha f'TIKFKT. Jissottomettu r-rikorrenti illi kawza tal-mandat ta' inibizzjoni ottenut minn IOR kien effettivament ta' beneficcju u mhux ta' dannu lis-sekwestranti ghaliex ta opportunita' li l-valur tal-immobbli jigi massimizzat. Ghalhekk issostni IOR illi s-sekwestranti ma sofrew l-ebda nuqqas u d-drittijiet taghhom kienu ppreservati (paragrafu 16)".

Ghal dan l-intimati jirribattu billi jsostnu li IOR filwaqt li f'nifs qieghda tghid li kienet perswaza sabiex tinvesti f'ass kontra l-ahjar interessi ta' IOR, f'nifs iehor qieghda tirrikonoxxi li hija proprjetà ta' valur konsiderevoli u proprjetà prestigjuza. Però jinghad li dan il-valur ghandu jigi mistharreg meta l-istess tigi kkumercjalizzata. Kien minhabba li ma rrispettatx l-obbligazzjonijiet taghha ta' investiment u wkoll li zammet il-bejgh tal-proprjetà u/jew tal-ishma li ippregudika l-valur tal-istess proprjetà. Kien minhabba IOR li intilfu zewg opportunitajiet ta' bejgh. Jispjegaw bil-manutenzjoni li l-proprjetà tehtieg b'mod regolari kif ukoll l-imghax fuq il-loan mehud sabiex il-bini jigi zviluppat li qieghed jakkumula, ikompli jwassal sabiex il-bejgh isir aktar impossibbli.

It-tielet kappa hija li "il-kappa fund taht Futura hu vejikolu ta' investiment, li tieghu l-uniku *equity shareholder'* huwa l-IOR. Allura, kwalunkwe telf soffert mill-Kappa Fund mhux attwalment soffert minn Futura innifisha, izda mill-IOR, waqt l-azzjonista ta' Klassi A huma bażikament *bondholders* (paragrafu 17)". L-intimati jissottomettu li huma ghandhom kull dritt li jfittxxu rimborz minn kwalunkwe persuna li tikkawzalhom danni u ghandhom dover li jipprotegu l-interessi tal-fund inkluz l-interessi tal-investituri l-ohra kollha u anke l-kredituri tal-fund. Jissottomettu minghajr pregudizzju li IOR m'hijiex l-unika investitur fil-Kappa Fund izda hemm ukoll l-interessi tal-azzjonisti tal-Klassi A. Ikompli jigi spjegat li "Skont l-*Offering Supplement* ta' Kappa, l-azzojonisti ta' Klassi A huma *full-status equity shareholders*: hu

veru li fil-kaz ta’ gheluq tas-subfund huma jiggradwaw qabel l-azzjonisti ta’ Klassi B, imma jekk il-likwidazzjoni tal-assi tas-sub-fund ma tkunx sufficjenti biex thallas lura l-investiment taghhom, ser isofru telf kbir: u dan hu precizament dak li ha jigri minhabba l-attitudni awto-distruttiva tal-IOR.”[15] Jinghad li l-azzjonisti ta’ Kappa A qeghdin jigu pregudikati diga minhabba li ma gewx imhallasa lilhom l-interessi fissi dovuti lilhom fl-ahhar tas-sena 2019 u lanqas m’huma ser jithallsu fl-ahhar tas-sena 2020 sakemm din il-kwistjoni tigi rizolta.

Ir-raba’ kappa hija li “IOR ghandu bosta assi u allura l-Mandat ta’ Sekwestru hu frivolu u vessatorju peress li l-IOR hu tant sinjur li r-Rikorrenti m’ghandhom bzonn l-ebda sigurezza ghat-talbiet taghhom (paragrafu 18)”. Min-naha taghhom l-intimati josservaw li dan l-argument kien ikun rilevanti li kieku l-kontro-mandat intalab taht l-Artikolu 836 (1) (c) jew (e), f’liema cirkostanzi dan m’huwiex il-kaz. In oltre jghidu izda li l-ebda assi immobbli ma jinstab Malta. Apparti l-fatt ukoll li IOR hija bank stabbilita taht il-Ligi Kanonika u domiciljata fil-Vatikan, b’ligijiet interni tieghu u *sui generis*.

Il-hames kappa ta' IOR  huwa fis-sens li “il-Mandat gie mahrug fuq l-awtorità tal-Qorti. Allura ma hemm l-ebda bazi ghat-talba tar-Rikorrenti ghad-danni (paragrafu 19)”. Ghal dan l-ilment, ir-rikorrenti jippremettu li jekk hemmx bazi o meno ghad-danni hija l-mertu tal-kawza u trid tigi deciza fil-kawza principali u mhux fuq bazi *prima facie*. Jghidu wkoll li “fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mandat kawtelatorju, jekk kienx awtorizzat mill-Qorti jew le, fl-ahhar jinhareg taht ir-responsabbilita ta min johorgu [recte: jitolbu]. Allura, il-fatt li t-tahrika tal-IOR giet ikkonfermata mill-Qorti ma jfissirx li ma tistax twassal ghal danni favur ir-Rikorrenti.”[16]

Taht l-ahhar kappa jigi diskuss l-ilment li “l-offerta ta’ Indotek li giet frustrata minhabba l-Mandat kienet segwita mill-Offerta Treville li kienet aktar vantaggjuza. B’hekk ir-Rikorrenti kienu zbaljati meta sahqu li r-rifjut tal-Offerta Indotek ikkawza danni lir-Rikorrenti minhabba li din giet segwita

[15] Pagni 87 – 88 tal-process.
[16] Pagna 90 tal-process.

mill-Offerta ta' Treville (paragrafu 20)". Ir-rikorrenti jibdew billi jargumentaw li dan l-argument kien ikollu xi legittimita legali jew morali li kieku l-offerta giet accettata minn IOR, b'dan illi intilfet l-opportunita li tigi rizolta l-vertenza ta' bejniethom. In oltre ghalkemm il-Mandat t'Inibizzjoni ta' IOR kien ipprezentat fir-rabta mal-offerta ta' Indotek, kien wiehed wiesa bizzejjed sabiex jinkludi kwalunkwe offerta ohra futura. Il-Mandat ta' Sekwestru huwa mehtieg skont ir-rikorrenti ghaliex huwa evidenti li IOR ser tkompli timblokka kull bejgh potenzjali tal-ishma u / jew assi.

Finalment l-intimati joggezzjonaw ghat-talba ghall-garanzija a tenur tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 u dan peress li IOR naqset milli tispjega in-natura u l-ammont tad-danni li qed tallega li sofriet jew ser issofri b'rizultat tal-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru. Talba bhal din kien ikollha bazi kieku gie muri li l-mandat ta' sekwestru kien mahrug b'mod vessatorju u jekk l-imsemmi mandat qieghed jikkawza danni f'ammont li jista' jigi accertat b'mod ragonevoli.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

In tema legali ghandu jinghad illi gie kostantement ritenut fil-gurisprudenza nostrana illi fl-azzjonijiet ippernjati fuq l-Artikolu 836 il-Qorti ghandha toqghod strettament mal-parametri dettati mis-sub incizi ta' dan l-artikolu u tevalwa l-provi fuq livell ta' *prima facie* u dan peress li dawn huma proceduri sommarji intizi sabiex jindirizzaw b'heffa sitwazzjonijiet li ghad-decizjoni taghhom ma jehtiegx approfondiment tal-mertu tal-kwistjonijiet ta' bejn il-partijiet.

Kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs. Anthony Govè et** deciza fl-10 ta' Mejju 2001 "mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan

l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."[17]

Fi proceduri ohra ghal revoka ta' mandat kawtelatorju u cioe fil-proceduri fl-ismijiet **Doris Sant vs. Alfred Sant** (Rik Nru 203/2014 LSO) deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-14 t'Ottubru 2014, gie dikjarat illi " [...] dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu talkawza.

Ikkunsidrat;

**Il-ligi**

Fermi l-konsiderazzjonijiet generali fir-rigward tal-Artikolu applikabbli ghall-procedura odjerna, il-Qorti ser issa tghaddi sabiex tikkonsidra iz-zewg sub-incizi li ai termini taghhom IOR qieghda titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo.

IOR issejjes it-talba taghha ghar-revoka tal-mandat fuq l-Artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 12. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> "836.(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

[17] Ara **C&F Building Contractors Limited vs. Emanuel Farrugia** (Rik Rev Nru 545/14 JRM) degretat fil-25 t'Awwissu 2014.

[...]

(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew

[...]

(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"

Ikkunsidrat;

**Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv**

L-ewwel raguni mressqa minn IOR ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo hija li l-ammont mitlub fis-somma ta' €29.5 miljun m'huwiex gustifikat jew semai huwa wiehed eccessiv.

Huwa evidenti illi sabiex talba ghar-revoka tirnexxi taht din il-kappa jehtieg illi mad-daqqa t'ghajn, u mhux wara is-smiegh ta' provi estensivi u trattazzjonijiet approfonditi, jirrizulta li l-ammont mhux gustifikat jew li l-ammont huwa eccessiv. Ghalhekk is-sub inciz jaghmel referenza ghall-kliem *prima facie*. In tema legali ssir referenza ghall-provvediment moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Lulju 2005 wara r-rikors fl-ismijiet **Theresa Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart** (Rik nru 336/2005) fejn inghad: "Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat."[18]

[18] Sottolinear tal-Qorti.

Fid-digriet fl-ismijiet **C & F Building Contractors Limited vs. Emanuel Farrugia** (Rik. Nru 545/2014 JRM) mogħti fil-25 t'Awwissu 2018 ingħad li

> "[...] biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat [Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***]"

IOR qed issostni li l-ammont reklamat fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo ma hux gustifikat u li fi kwalunkwe kaz huwa eccessiv ghal diversi ragunijiet fosthom:

a) "Jekk skont r-ragunijiet u kalkoli avvanzati minn Futura, il-valur tal-ishma li Futura ghandha f'Cougar jekwivalu ghal Eur 40.9 miljun, talba ghal danni f'ammont ta' Eur 29.5 miljun mhijiex ragjonevoli u ma jista' jkun hemm l-ebda ġustifikazzjoni skont il-ligi ghal pretensjoni ta' danni f'ammonti hekk eccessivi wara li jittiehdu in konsiderazzjoni il-prezz sabiex jigu akkwistati l-istess ishma fl-ewwel lok jew telf ta' qliegh jew imghax tenut kont ir-rati ta' imghax fis-swieq volatili tal-mument fit-tieni lok"[19];

b) "Il-kwantifikazzjoni tad-danni da parti ta' Futura tidher ukoll eccessiva u minghajr ebda bazi legali ghas-semplici raguni illi teskludi ghal kollox il-valur tal-ishma li kienu u ghandhom jappartjenu lill-istess Futura"[20];

[19] Pagna 10 tal-process.
[20] *ibid.*

c) M'hemm l-ebda gustifikazzjoni li jkun hemm il-mandat ta' sekwestru meta l-profitt generali mmur ghand l-investituri, hekk ukoll kwalunkwe telf u ghalhekk Futura per se la taghmel qliegh u lanqas ser issofri telf.

Sabiex jigi kkunsidrat jekk Mandat kawtelatorju ghandux jigi mhassar taht is-sub-inciz (d), wiehed ghandu jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. B'dan ghalhekk il-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li s-sekwestranti ghandhom bazi ta' pretensjoni. Mill-qari tar-risposta ghar-rikors ta' revoka, ghalkemm kien ikun utili li kieku gie pprezentat prospett dwar l-ammonti pretizi, intwera sal-grad ta' *prima facie* li s-sekwestranti ghandhom pretensjoni kawtelabbli billi jirrizulta ness bejn il-kawzali u l-kreditu msemmi fil-Mandat u ghalhekk *ictu oculi* il-Mandat huwa wiehed gustifikat.

Fit-tieni lok jehtieg jintwera mis-sekwestranti "jekk waslux biex "jillikwidaw" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnhom mahluf fil-Mandat."[21] Fir-risposta s-sekwestranti jispjegaw li s-somma ta' €29.5 miljun hija bbazat fuq il-fat li Cougar taf lil Kappa Fund bosta loans u bonds, li ghandhom valur ta' €29.5 miljun.

In tema legali ssir referenza ghad-digriet moghti fil-31 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet **Christopher Mifsud vs. Gianna G Limited** (Rik Nru 795/2018JZM) fejn gie osservat li "Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ezekutant irnexxielu jipprova sal-grad ta' prima facie illi ghandu pretensjoni kawtelabbli. Kien jinkombi fuq l-ezekutata illi ggib provi sufficjenti sal-grad ta' prima facie sabiex ixxejjen il-pretensjoni tal-ezekutant u tiggustifika l-pretensjoni taghha a tenur tal-paragrafu (d)." L-istess jista' jinghad fil-kaz odjern, ghalkemm IOR qieghda tinsisti li l-ammont huwa wiehed eccessiv hija naqset milli tikkonvinci lil din il-Qorti sa livell ta' prima facie li mad-daqqa t'ghajn is-somma reklamata ma hiex dovuta jew li hija eccessiva.

[21] Mario Xerri et vs. Anthony Muscat et (Rik Nru 590/2007JRM) degretat mill-Qorti Civili, Prim'Awla fis-26 ta' Lulju 2007.

Kif rajna hija gurisprudenza assodata li f’dan l-istadju il-Qorti m'ghandix tindaga fil-mertu l-allegat dannu allegatament soffert mis-sekwestranti. Il-fatt li l-ligi trid li rikorsi bhal dawk odjerni preferibbilment jitressqu quddiem il-Qorti adita mill-kawza fil-mertu hija konferma, jekk konferma kienet mehtiega, illi l-Qorti f'dan l-istadju m'ghandix taghti gudizzju dwar il-pretensjonijiet attrici fil-kawza minghajr ma tiddeciedi wkoll fl-istess nifs l-eccezzjonijiet ghall-istess pretensjonijiet fil-mertu.  Il-Qorti ma tqisx li jirrizultaw l-estremi sabiex tikkonkludi li l-ammont reklamat huwa mad-daqqa t'ghajn manifestament eccessiv.

Ikkunsidrat;

**Jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli**

It-tieni binarju li fuqu qed issejjes it-talbiet taghha IOR huwa li <u>fic-cirkostanzi m’huwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh il-Mandat ta’ Sekwestru jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m’huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli</u>.

Sabiex rikors jintlaqa' taht dan is-sub inciz in dizamina jehtieg illi min hu milqut minn mandat kawtelatorju juri (1) li ma jkunx ragonevoli li l-mandat jinzamm fis-sehh;  jew (2) li l-mandat ma hux aktar mehtieg jew (3) li l-mandat mhuwiex aktar gustifikabbli.

Din il-Qorti tosserva li l-gurisprudenza nostrrana fir-rigward hi li “id-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat jibqa’ (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem “jinżamm” u “aktar meħtieġ” li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema

termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."[22]

Din il-Qorti taqbel mal-gurisprudenza appena citata meta applikabbli ghall-mandati ta' inibizzjoni fejn allura l-Qorti hi marbuta li tisma' l-partijiet qabel ma tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni jew tichad talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. F'dak il-kaz il-Qorti tkun gia' hadet konjizzjoni tac-cirkostanzi tal-kaz qabel tordna l-hrug ta' att kawtelatorju konsistenti f'ordni ta' inibizzjoni. Mhux l-istess fejn jikkoncerna l-hrug ta' mandat kawtelatorju bhal ma hu dak ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Il-Qorti ma taghmel l-ebda indagini. Tordna l-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq il-konferma bil-gurament tas-sekwestrant. Ghalhekk il-gurisprudenza rigwardanti l-bdil fic-cirkostanzi ma tantx tista' titqies applikabbli tenut kont illi ma tkun saret l-ebda indagini gudizzjarja precedenti sabiex Qorti adita taht l-Artikolu 836 tista' tikkonkludi li kien hemm bdil fic-cirkostanzi.

Il-Qorti ghalhekk ser tapplika is-sub inciz (1) (f) tal-Art. 836 billi tiddelibera fl-ewwel lok jekk it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo kenitx gustifikabbli ab initio; imbaghad jekk tikkonkludi fl-affermattiv li tindaga dwar jekk kienx hemm bdil fic-cirkostanzi tali li jiggustifikaw li l-mandat jigi revokat in parte jew in toto.

Ghar-ragunijiet gia' moghtija fir-rigward tat-talba msejsa fuq l-Artikolu 836 (1) (d) din il-Qorti tqis li t-talba ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kienet gustifikabbli tenut kont li ntwera li s-sekwestranti ghandhom pretensjonjiet li jimmeritaw li jigu gudizzjarment kawtelati pendenti l-ezitu tal-kawza fil-mertu. Il-fatt li IOR issostni li ghandha assi fl-ammont ta' €6 biljuni ma jbiddel xejn mid-dritt tas-sekwestranti li jikkawtelaw il-pretensjoni taghhom. Jekk dak allegat minn IOR fir-rigward huwa minnu allura l-istess IOR setghat facilment toffri garanzija alternativa idonea.

[22] **Francis Spiteri vs. Charles Darmanin** (Rik Nru 571/2010 JRM) degretat fil-25 t'Awwissu 2010.

Stabbilit illi s-sekwestranti kellhom ab initio pretensjoni kawtelabbli; imiss issa jigi ndagat jekk kienx hemm bdil fic-cirkostanzi tali li jiggustifikaw riduzzjoni jew eliminazzjoni tal-mandat de quo.

Is-sekwestrata IOR issostni li kien hemm offerta ohra minghand Treville A.S fis-somma ta’ €56.7 miljun li allura hija konferma li kellha ragun meta talbet il-hrug tal-mdnat ta' inibizzjoni. Issostni ghalhekk illi mhux talli ma kkagunatx danni talli bil-mandat ta' inibizzjoni ibbenefikaw mhux biss IOR izda l-istess sekwestranti, intimati fil-procedura odjerna. Fil-fehma tal-Qorti tali sottomissjoni kienet tkun rilevanti kieku IOR ma oggezzjonawx ghall-offerta ta' Treville A.S. jew alternattivament urew fuq livell prima facie li l-immobbli de quo ghandu valur fis-suq li jisboq bil-bosta s-somma ta' €56.7 miljun.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi ma jirrizultawx l-estremi sabiex tapplika is-sub inciz (1) (f) tal-Artikolu 836.

Ikkunsidrat;

**Artikolu 838A**

Fit-tieni talba l-intimata qieghda titlob illi fl-eventwalita li l-ewwel talba tigi michuda, kif fil-fatt huwa l-kaz, il-Qorti ghandha tapplika kontra r-rikorrenti d-dispozittiv tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12.

Artikolu 838A jipprovdi li:

> Il-qorti tista’, meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b’rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista’ tiġi mposta u ta’ danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju.

Ladarba l-intimata invokat dan l-artikolu kien oneruz fuqha tipprova sodisfacentement li ghandha “kawza gusta” sabiex il-Qorti tikkundanna lis-sekwestranti jipprovdu “garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali [...] ta’ danni u imghax”. Huwa evidenti minn qari tal-artikolu in dizamina illi ordni tal-Qorti bis-sahha tal-Artikolu 838A hija wahda fakoltativa li l-Qorti taghti skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. In oltre garanzija ordnata bis-sahha ta’ dan l-artikolu jehtieg li tigi kwantifikata. Kien ghalhekk jinkombi fuq IOR illi l-ewwel u qabel kollox turi li b'rizultat tal-mandat qed issofri danni. Mill-atti ma jirrizultax li IOR qed tallega li bghatit xi dannu.

In tema legali ssir referenza ghall-provvediment fl-ismijiet **Rebecca Tiscio vs Robert Tiscio** (Rik Nru 45/2014) moghti mill-Prim' Awla fil-21 ta’ April 2014 fl-atti ta’ rikors ghar-revoka ta’ mandat:

> “Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat taħt l-artikolu 836(1), u anzi jista’ jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b’xi mod għadu fis-seħħ. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba’ kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn. Il-Qorti ma jidhrilhiex li t-talba taħt l-artikolu 838A hija tajba biex tagħmel tajjeb għal meta ma tintlaqax talba taħt l-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi
>
> Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera “kawża ġusta” biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta’ Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala “kawża ġusta” għall-finijiet ta’ dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;
>
> Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista’ jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn

> persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni minħabba l-istess Mandat;"

Huwa evidenti illi l-hrug ta' mandat kawtelatorju ma hux wahdu raguni ghall-ghoti ta' ordni bis-sahha ta' dan l-artikolu. Sabiex tkun tissussisti "kawza gusta" irid fuq livell *prima facie* jirrizzulta illi l-mandat kawtelatorju jkun qed jikkaguna danni u imghax kwantifikabbli u li jekk il-Qorti ma tohrogx ordni taht l-Artikolu 838A, il-persuna li kontra taghha jkun inhareg il-mandat tkun ser titqieghed fi zvantagg sproporzjonat partikolarment sabiex eventwalment tirkupra l-penali, danni u imghax li ghalihom tista' tkun eventwalment intitolata.

Hija l-fehma tal-Qorti illi r-rikorrent ma ppruvax sodisfacentement li tezisti kawza gusta ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12. Apparti l-fatt ukoll li skont is-sekwestranti "l-Mandat ta' Sekwestru ma wassalx ghall-imblukkar ta' funds f'Malta"[23].

**Digriet.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda tipprovdi dwar it-talbiet tas-sekwestrat rikorrent Istituto per le Opere di Religione billi tichadhom, bl-ispejjez jibqhu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza dwar il-mertu.

Moghti kameralment illum 11 ta' Awissu 2020.

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion**

[23] Pagna 92 tal-process.